MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

Il-Gimgha 28 ta' April 2017

Il-Kunsilli Lokali Qala ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg ,Qala, fis-6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Clint Camilleri – Sindku
Paul Buttigieg – Viċi Sindku
Paul Buttigieg – Kunsillier
Jesmond Borg – Kunsillier
Karl Buttigieg - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Qala – Local Council
Centru Civiku Qala
Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala
Tel: 21552555 Fax: 21553232
Email: qala.lc@gov.mt

Minuti

Is-Sindku Clint Camilleri ippresjeda l-laqgħa.

## 21.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

21.1.1 Ma kien hemm ebda qari tal-ittri tal-apologiji.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

21.2.1 Peress li l-minuti tal-ghoxrin laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsidrati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

21.3.1 Is-Sindku semma li l-Perit Edward Scerri bghat xi stimi fuq xoghol ta' konkos. Stima minnhom sabiex isir konkos fuq il-hajt tas-sajjieh f'parti minn Triq Wied Simar fejn sar ir-*resurfacing* bil-konkos kif ukoll sabiex isir tiswija ta' Triq maghrufa bhala ta' Ghajn Hagar. Il-Kunsill qabel ma dan. Huwa semma wkoll li ntbghatet stima sabiex parti minn Triq ta' Kassja isir *resurfacing* taghha bil-konkos. Il-Kunsillier Paul Buttigieg ippropona li din ghandha jsir bit-tarmak meta l-Kunsill ikollu l-kuntratt tal-*resurfacing* bit-tarmak. Gie deciz li ghalissa ghandha jsir it-tiswija f'din it-triq bil-konkos.

21.3.2 Is-Sindku semma li xi ftit tal-gimghat ilu Ingliz habat go zewg bankijiet fi Triq il-Belvedere u kissirhom u flok ttiehdu passi kontrieh huwa gie mitlub jixtri zewg bankijiet ohra sabiex jitwahhlu flok dawk li huwa kisser.

21.3.3 Gie trattat r-rapport u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja Jannar – Dicembru 2016 li gie rrevedut. Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u l-*financial statements*.

21.3.4 Il-Kunsill ircieva din il-korrispondenza:

21.3.5 Ittra mibghuta minn Ernest Spiteri Secretariat Officer fis-Segretarjat Parlamentari ghal Gvern Lokali dwar mistoqsijiet fuq andament socjali. Il-Kunsill iddecida li jwiegeb hekk:

21.3.6 Mistoqsija numru 1 - Problemi ta' drogi u numri kbir ta' anzjani jghixu wahidhom.

21.3.7 Mistoqsija numru 2 – Sabiex ikun hawn aktar prezenza tal-pulizija fil-lokalita` u tinfetah *day/night shelter* ghall-anzjani.

21.3.8 Mistoqsija numrju 3 - Jigu organizzati hargiet ghall-anzjani kemm f'Ghawdex kif ukoll f'Malta, jigi organizzat il-Karnival, ghal Jum il-Qala isir laqgha mal-ghaqdiet tal-lokalita', laqgha mar-residenti barranin u laqgha mat-tfal tal-iskola primarja, jigi organizzat il-*Qala International Folk Festival* u ghal Milied tigi organizzatha serata ghall-familja kif ukoll serata ta' Premju Unur Gieh il-Qala.

21.3.9 Tlett ittri mibghuta minn Dorianne Ciantar Segretarja tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar appell numru 00155/17 fuq l-applikazzjoni ghal-permess ta' zvilupp bin-numru PA/07579/16 sabiex jinbidel l-uzu ta' *store* ghal *souvenir shop.* Il-Kunsill bghat ittra bhala risposta ghal dawn l-ittri.

21.3.10 Ittra mibghuta mit-tfal tal-tielet u tas-sitt sena tal-Iskola Laura Vicuna, fejn semmew li jixtiequ jibnu gnien fit-terazzin tal-iskola sabiex ihawwlu l-hwawar u hxejjex aromatici. Il-Kunsill iddecida li ma jaghtix ghajnuna.

21.3.11 Ittra mibghuta mill-President Veronica mill-*Malta Parkinson's Disease Association* dwar progett li jridu jaghmlu u li jridu jinvolvu lill-Kunsilli. Il-Kunsill iddecida li ma jaghtix ghajnuna finanzjarja peress li ma jistax jaghmel dan skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

21.3.12 Notifika t'avviz mibghuta minn Louise Cremona ghac-Chairperson Ezekuttiv tal-Awtorita` tal-Ippjanar b'referenza EC/00074/17, fejn b'din l-istess notifika nformat lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avvizi ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

21.3.13 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* tal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 1206/17 sabiex jigi estiz *kiosk* fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien fejn gie mitlub sabiex il-Kunsill ikun *registered objector* fl-istadji kollha tal-process ta' din l-applikazzjoni. Il-Kunsill ircieva *acknowledgment* ghal din l-ittra.

21.3.14 Gie trattat kont tal-Avukata Claire Bonello dwar servizzi professjonali dwar l-appell PA 00222/16 u ghas-smigh ta' kaz tal-applikazzjoni PA 7579/16 li jammonta ghal €800. Il-Kunsill qabel li dan il-kont ghandu jithallas.

21.3.15 Gie trattat *final project report* tal-mizura 413.4 dwar il-progett tal-Belvedere.

21.3.16 Gew trattati zewg kontijiet tal-Perit Edward Scerri dwar xoghol professjonali fuq il-progett ta' Pjazza San Guzepp. Kont minnhom huwa dwar l-applikazzjoni tad-DNO li huwa pprepara u ssottomessa lill-Awtorita` tal-Ippjanar. Il-kont l-iehor dwar xoghol professjonali li sar fuq dan il-progett. Il-Kunsill qabel li ghandhom jithallsu dawn il-kontijiet.

21.3.17 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mill-15 ta' Marzu 2017 sal-28 ta' April 2017 minn referenza numru 58/17 sa referenza numru 63/17 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 23/17 sa referenza numru 37/17 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

21.3.18 Il-Kunsill ircieva Cirkulari numru 9/2017 dwar Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Culture Fund*. Il-Kunsill iddecida li ghandu japplika ghall-*Qala International Folk Festival 2017*.

## 21.4 Twegibiet ghall-Mistosijiet tal-Kunsillieri.

21.4.1 Il-Kunsillier Paul Buttigieg qal li huwa qara r-rapport li gie ppreparat mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/00937/17 *Reactivation of use of building for desalination purposes* fid-distillatur ezistenti f'Hondoq ir-Rummien. Huwa semma li f'dan ir-rapport jissemmew problemi tal-*exhaust*, storbju kif ukoll *store* taz-zejt u ghalhekk ghandna naraw ftit peress li ser jigi affettwat il-bahar. Huwa ssuggerixxa li bhal fl-applikazzjonijiet ohrajn li jikkoncernaw lill-Hondoq ghandhom jigu mqabbda nies professjonali bhal *Environmentalist*, Perit u Avukat. Gie imsemmi Alan Deidun izda peress li huwa diga` mqabbad mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, ghandu jigi mqabbad xi haddiehor. Ghalhekk il-Kunsill iddecida li ghandu jigi mqabbad Lanfranco. Gie deciz ukoll li ghandu jigi mqabbad il-Perit Cocopardo. Gie diskuss li ghandhom jigu mqabbda dawn in-nies sabiex jaraw ftit fiex jikkonsisti l-propost progett u l-effetti li jista` jkollu fuq il-bajja u x'hemm bzonn li jsir sabiex dawn l-effetti jinbidlu jew jigu elemenati. Peress li l-Kunsill ma kien ircieva ebda risposta ghall-ittra li giet mibghuta lic-*Chairman* CEO tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma

dwar din l-applikazzjoni fejn gie mitlub laqgha mieghu sabiex jigi spejgat f'hiex jikkonsisti dan il-progett propost, il-Kunsill iddecida li ghandha tintbghat ittra ohra lic-*Chairman* dwar dan u jigi mitlub sabiex jibghat appuntament mill-iktar fis possibli. Giet mibghuta ittra lill-Awtorita` tal-Ippjanar fejn giet mitluba laqgha sabiex tigi diskussa din l-applikazzjoni u li l-Kunsill jitlob li jkun registrat bhala *Objector* fl-istadji kollha tal-process ta' l-applikazzjoni fuq imsemmija. Il-Kunsill ircieva *acknowledgement* minghand l-Awtorita`.

21.4.2 Il-Vici Sindku semma li hemm bzonn li jinbena hajt fejn il-kappella tal-Madonna tal-Blat kif ukoll jittrangaw il-hitan imwaqqghin f'parti minn Triq Hondoq ir-Rummien. Huwa semma li l-bennej Emanuel Camilleri lest li jaghmel dan ix-xoghol inkluz it-tikhil, minbarra l-materjal, ghal €250. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 21.5 Fuljett Lehen il-Kunsill.

21.5.1 Is-Sindku fakkar lill-membri tal-Kunsill sabiex jippreparaw il-messaggi taghhom ghal fuljett Lehen il-Kunsill.

## 21.6 *Upgrading* tal-*Playing Field* Magistrat Salvu Attard.

21.6.1 Is-Sindku semma li l-Perit Edward Scerri pprepara stima dwar it-tnehhija tat-tapiti ta' taht il-bandli tal-*playing field* Magistrat Salvu Attard li tammonta ghal €890 kif ukoll stima ohra dwar il-provvista u installazzjoni ta' tapit gdid li tammonta ghal €3,560. Il-Kunsill iddecida li t-tapiti ghandhom jitnehhew mill-haddiema li huma assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li dan ix-xoghol ghandu jsir fi 'Gnien il-Familja' ukoll. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecida tinhareg sejha ghall-offerti ghal provvista u installazzjoni ta' tapiti taht il-bandli taz-zewg gonna imsemmija.

## 21.7 Jum il-Qala 2017.

21.7.1 Is-Sindku semma li Jum il-Qala ghandu jigi ccelebrat fit-tieni gimgha ta' Gunju. Il-Kunsill qabel ma dan. Huwa semma li ser jigu organizzati l-attivitajiet tas-soltu.

## 21.8 Toroq – *Period contract resurfacing* bit-tarmak.

21.8.1 Is-Sindku semma li peress li l-applikazzjonijiet ghall-fondi mill-Unjoni Ewropea idumu ftit sabiex jigu pprocessati u ghalhekk ikun hemm dewmien biex isiru xi toroq, ghandha tinhareg sejha ghal *period contract* tar-*resurfacing* bit-tarmak ta' toroq. Il-Kunsill iddecida li ghandu jara liema toroq hemm bzonn li jsir xoghol ta' *resurfacing* fihom.

## 21.9 Progett Pjazza San Guzepp.

21.9.1 Is-Sindku ppropona li ghandu jsir progett fi Pjazza San Guzepp li jikkonsisti fid-direzzjonijiet ta' *one ways* u jitwessghu l-bankini, kif ukoll jittiehed inkonsiderazzjoni ghandiex tinghalaq il-pjazza jekk mhux il-hin kollu, f'certu hinijiet. Huwa semma li dan ikun incentiv ghar-ristoranti peress b'hekk jigu aktar nies. Il-Kunsill iddiskuta d-diversi problemi li jistghu jinqalghu u li ghalhekk irid isir pjan tajjeb. Gie deciz li ghandha jsir applikazzjoni ghal fondi mill-Unjoni Ewropea u kif ukoll ghandha tigi ppreparatha pjanta halli jekk il-Kunsill jinghata l-fondi jinbeda

x-xoghol. Il-Kunsillier Paul Buttigieg issuggerixxa li jekk il-Kunsill ma jinghatax fondi mill-Unjoni Ewropea, dan il-progett ghandu jsir mill-fondi tal-Kunsill fuq perjodu ta' tlett snin. Il-Kunsill qabel ma dan.

**21.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.**

21.10.1 Ma kienx hemm skeda ta' pagamenti ghal kunsiderazzjoni u approvazzjoni.

**21.11 Mozzjonijiet**

21.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**21.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

21.12.1 Il-laqgħa intemmet fit-8:30 ta' filghaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Gimgha 9 ta' Gunju 2017 fis-6:30 ta' filghaxija.

Konfermati, illum il-Hamis 10 ta' Awwissu 2017.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Eżekuttiv